## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 111/2017: **JOSEPH MUSCAT (KI. 110274M) U MARTU MICHELLE MUSCAT (KI. 260174M) V. DAPHNE CARUANA GALIZIA (KI. 450664M)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**24 ta' Ottubru 2022**

IL-QORTI,

wara li reġgħet rat id-digriet interlokutorju tagħha tal-1 ta' Ġunju 2021 moqri bil-miftuħ fil-qorti fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu kienet *inter alia* laqgħet it-talba tal-intimati magħmulha permezz tar-rikors tagħhom tal-11 ta' Frar 2021 sabiex iressqu in eżami x-xhud Maria Efimova minn post remot permezz ta' *live video conferencing link* u sabiex ix-xhieda tagħha tkun tiswa ukoll fil-kawżi fl-ismijiet Joseph Muscat et v. Matthew Caruana Galizia (Rik. Nru. 126/217 VGA), Joseph Muscat et. v. Mario Frendo (Rik. Nru. 127/2017 VGA) u Joseph Muscat et v. Karl Gouder (Rik. Nru. 112/2017 VGA),

wara li rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti tagħti permess lill-esonenti ai termini tal-Art. 229(3) tal-Kap. 12 sabiex jappellaw mid-digriet imsemmi,

wara li rat in-nota responsiva ppreżentata mill-intimati fl-20 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha talbu li l-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrenti u tipprosegwi bis-smiegħ tal-kawża

wara li rat ir-risposta ta' Ronald Abela (imsejjaħ "l-intimat") ippreżentata fit-18 ta' Ottubru 2018,

wara li semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati difensuri tal-partijiet fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2022,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Għal kull bwon fini jiġi ppreċiżat illi dan id-digriet ser jingħata għat-talba tar-rikorrenti sabiex ai termini tal-Art. 229(3) tal-Kap. 12 jingħataw permess mill-Qorti jappellaw mid-digriet tagħha tal-1 ta' Ġunju 2021 moqri bil-miftuħ fil-qorti fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021. Dan m'huwiex digriet li jitratta r-rikonsiderazzjoni *o meno* tad-digriet mogħti preċedentement. Qed jingħad dan proprju għaliex kemm fir-rikors tar-rikorrenti ppreżentat fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021, kemm fin-nota responsiva ppreżentata mill-intimati fl-20 ta' Diċembru 2021 u kemm fit-trattazzjoni ulterjuri tad-9 ta' Mejju 2022, l-avukati difensuri rispettivi daħlu f'ċertu dettal fil-mertu ta' dak li diġa ddeċidiet il-Qorti permezz tad-digriet tagħha tal-1 ta' Ġunju 2021 (moqri fit-28 ta' Ġunju 2021) minflok ma' daħlu fil-mertu ta' jekk it-talba sabiex ir-rikorrenti jingħataw permess minn din il-Qorti **jappellaw** mid-digriet imsemmi, għandiex tintlaqa'.

2. Għalhekk, tajjeb jew ħażin, jaqblu jew ma' jaqblux il-partijiet miegħu, id-digriet interlokutorju mogħti mill-Qorti fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021 mhuwiex ser jiġi mibdul bid-deċiżjoni li ser tagħti l-Qorti f'dan id-digriet.

3. Id-digriet interlokutorju in kwistjoni kien wieħed li permezz tiegħu l-Qorti laqgħet it-talba tal-intimati sabiex xhud li jixtiequ jressqu in eżami, ċertu Maria Efimova, tinstema' minn post remot barra minn Malta permezz ta' *live video conferencing link.*

4. Bħala tali huwa għalhekk digriet li jipprovdi dwar episodju jew aspett proċedurali *pendente lite* mingħajr ma' jaqta l-kwistjoni ewlenija jew jagħlaq it-tilwima bejn il-partijiet.

5. Dwar l-appelli minn digrieti interlokutorji taħt l-Art. 229 tal-Kap. 12 ingħad is-segwenti mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Tanti pro et noe et. v. Sammy Mifsud noe et.** (Rik. 2259/2000/1, 19/11/2001):

> *« Ezami akkurat ta' l-artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-dispozizzjoni pero` taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta' l-istess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4), (5) u (6) huma lkoll marbutin mad-dispozizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2). »*

6. Id-digriet interlokutorju in kwistjoni ma' jaqax taħt is-subinċiż (1) tal-Art. 229 u kwindi m'huwiex digriet li ma' jistax jiġi kuntestat qabel ma' tingħata s-sentenza finali. Lanqas ma' jaqa' taħt is-subinċiż (2) tal-Art. 229 u għalhekk m'huwiex digriet li jista' direttament jsir appell minnu qabel is-sentenza definittiva. Jaqa' pero taħt is-subinċiż (3) tal-Art. 229 stante illi huwa digriet interlokutorju li ma' jaqax taħt is-subinċiżi (1) u (2) fuq imsemmija. Fil-każ ta' digrieti ta' din ix-xorta, il-parti interessata trid titlob għal permess mill-istess Qorti li tkun tat id-digriet sabiex il-Qorti ttiha permess speċjali li tappella minnu qabel is-sentenza finali. Dan huwa dak li qed jintalab mir-rikorrenti Joseph u martu Michelle Muscat permezz ta' din il-proċedura.

7. Rikors ta' din in-natura għandu jiġi ppreżentat fi żmien għaxart ijiem mid-data ta' meta d-digriet ikun inqara bil-miftuħ mill-Qorti. Filfatt fil-każ *de quo* ir-rikors ġie ppreżentat dakinhar stess illi l-Qorti qrat id-digriet bil-miftuħ fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021.

8. Il-Qorti hija tenuta illi meta tirċievi rikors bħal dan, tisma' lill-partijiet x'għandhom xi jgħidu u imbagħad **jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust** li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma' tingħata sentenza finali, toħroġ il-permess appożitu.

9. Kif ingħad fid-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mogħti fl-ismijiet: **Alfred Schwab noe v. Mr. Green Limited** (Rik 777/2021 CFS, 06/05/2022):

> *« 29. Naturalment hi u tqis talba biex jingħata permess għall-appell, il-qorti m'għandhiex tiddarras jew teħodha kontra dak li qed jitlob li jagħmel l-appell għar-raġuni biss li huwa ma jkunx qiegħed jaqbel mad-digriet tagħha. Min-naħa loħra, l-istess qorti lanqas m'għandha taqbad u tagħti l-permess tagħha b'mod awtomatiku biex ma tidhirx kerha ma' dak li jkun. Tassew la l-liġi titfa' l-piż fuq ilqorti stess li tkun tat id-digriet biex tiddeċiedi jekk għandux jitħalla jsir appell jew le, allura dik il-qorti għandha żżomm ruħha oġġettiva u tinqeda bid-diskrezzjoni għaqlija u newtrali tagħha biex tara jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ikunx jaħbat aħjar li l-kwistjoni tiġi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Appell jew le. Hi u tagħmel l-għarbiel responsabbli tagħha, il-qorti trid iżżomm f'moħħha mhux biss linteressi tal-partijiet involuti fil-każ iżda trid iżżomm f'moħħha wkoll anke linteressi tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja b'mod ġenerali għaliex huwa magħruf li l-Qorti tal-Appell hija mgħobbija b'ħafna appelli;*
>
> *30. Illi biex il-qorti tkun tista' twettaq din id-diskrezzjoni tagħha b'mod xieraq, min qiegħed jitlob il-permess li jappella minn digriet tagħha m'għandux jippretendi li huwa jista' jikseb tali permess mingħajr ma jiġġustifika t-talba tiegħu. Mod ieħor min jixtieq jingħata l-permess biex jappella jrid jispjega għaliex ikun aħjar li l-appell għandu jsir qabel is-sentenza finali u mhux wara;*
>
> *31. Dan jista' jintwera billi pereżempju dak li jkun juri li d-digriet inkwistjoni ikun jolqot xi punt legali tekniku li huwa tant diffiċli jew innovattiv li jkun jixraq l-intervent millewwel tal-Qorti tal-Appell; jew li dak id-digriet ikun aħjar li jiġi appellat mill-ewwel minħabba li jkun hemm allegazzjoni serja (u mhux fiergħa) li biż-żamma ta' dak id-digriet, parti tkun x'aktarx sejra ġġarrab xi preġudizzju serju fil-proċeduri; jew inkella jekk jintwera għas-sodisfazzjoni tal-ewwel qorti li hemm aggravji tajbin kontra dak id-digriet li jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Appell tbiddel jew tħassar dak id-digriet »*

10. Fil-każ *de quo*, kif diġa ingħad fil-bidu nett ta' dan id-digriet, il-partijiet ma' ressqu l-ebda sottomissjoni, la bil-fomm u lanqas bil-miktub, għalfejn din il-Qorti għandha jew m'għandiex tagħti l-permess meħtieġ iżda minflok trattaw il-mertu tat-talba oriġinali, ossia' jekk ix-xhud in kwistjoni għandiex tixhed jew le bil-mezz tal-*video conferencing*. Fir-rikors tiegħu, l-abbli avukat difensur tar-rikorrenti sostna illi "*huwa ovvju wkoll li sabiex l-esponenti ma' jiġux preġudikati rrimedjabilment din il-kwistjoni għandha tiġi epurata u deċiża mill-Qorti tal-Appell qabel tixhed l-imsemmija Maria Efimova*". Madanakollu ma' ġiex imfisser lill-Qorti kif u għaliex ir-rikorrenti sejrin jiġu preġudikati rrimedjabilment biż-żamma tad-digriet. Kull ma' qal l-istess avukat difensur fir-rikors tiegħu kien illi l-Qorti ma' tistax tinjora l-fatt illi "*Efimova hija persuna maħruba minn Malta u li diġa hemm deċiżjoni ta' Maġistrat Inkwirenti li*

*hija ħadet ġurament falz meta xehdet quddiemu"* u li *"il-Qorti m'għandiex f'kull każ tippermettilha li tevita għal kollox il-kontroll tal-Qorti waqt li tkun qed tagħti x-xhieda tagħha f'post remot fejn din il-Qorti m'ghandiex ġurisdizzjoni".* Bir-rispett kollu pero u mingħajr ma' l-Qorti tidħol fil-mertu tagħhom, l-Qorti ma' tarax kif dawn l-asserzjonijiet juru li r-rikorrenti sejrin isofru xi preġudizzju rrimedjabbli jekk id-digriet jitħalla fis-seħħ *pendente lite* jew jipprovdu raġuni speċifika għalfejn ir-rikorrenti għandhom jitħallew jappellaw f'dan l-istadju.

11. **Għaldaqstant il-Qorti qegħda tipprovdi għal dan ir-rikors billi tiċħad it-talba tar-rikorrenti sabiex jitħallew jappellaw f'dan l-istadju mid-digriet mogħti minn din il-Qorti fl-1 ta' Ġunju 2021 (moqri bil-miftuħ fil-qorti fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021).**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur